Nru. 17,777
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2005
Wednesday, 8th June, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2005 Nru. VII Anno Domini 2005 No. VII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-7 ta' Ġunju, 2005, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 7 ta' Ġunju, 2005.

B'Awtorità.

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 7th day of June, 2005, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 7th day of June, 2005.

By Authority.

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 592

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 46 imsejjaħ l-Att dwar l-Armi.

It-8 ta' Ġunju, 2005

Nru. 593

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tlieta, is-7 ta' Ġunju, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 585 tas-6 ta' Ġunju, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-7 ta' Ġunju, 2005
(OPM 1/2005)

Nru. 594

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-8 ta' Ġunju, 2005
(File No. L244/64/II)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Frar, 1969 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 182, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi biċċa art fil-limiti ta' Birżebbuġa tal-kejl ta' 5,995 metru kwadru (5 tmien u 2 sigħan) li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lvant parti ma' proprjetà ta' l-eredi tal-mejjet Gaetano Polidano u parti ma' proprjetà tas-Sur Clive

GOVERNMENT NOTICES

No. 592

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 46 entitled the Arms Act, 2005.

8th June, 2005

No. 593

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Tuesday, 7th June, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 585 of the 6th June, 2005, ceased to have effect accordingly.

7th June, 2005

No. 594

ACQUISITION OF LANDS

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

8th June, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General published in the Government Gazette of the 20th February, 1969 under Notice No. 182, the Governor General had declared that the plot of land in the limits of Birżebbugia of the area of 5,995 square metres (5 tumoli and 2 sigħan) bounded on the North by a public road, on the East partly by property of the heirs of the deceased Gaetano Polidano and

Simpson u min-Nofsinhar parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà amministrata mir-Reverendu Kanonku Paul Borg bħala Economo Beneficċju Vakanti, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-limiti ta' Birżebbuġa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,766 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Vincent Cachia, mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 7B fuq pjanta P.D. 328_2004 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami

President

Il-31 ta' Mejju, 2005

Nru. 595

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-8 ta' Ġunju, 2005
(File No. L244/64/II)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Frar, 1969 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 182, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien

partly by property of Mr Clive Simpson and on the South partly by a public road and partly by property administered by the Reverend Canon Paul Borg as Economo Vacant Beneficiary, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land in the limits of Birżebbugia:

1. A plot of land of the area of 5,766 square metres, bounded on the North by property of Mr Vincent Cachia, on the North West and the South by Government property.

The abovementioned land is shown marked with the colour red as plot No. 7B on plan P.D. 328_2004 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami

President

31st May, 2005

No. 595

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

8th June, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General published in the Government Gazette of the 20th February, 1969 under Notice No. 182, the Governor General had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so

hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f' Birżebbuġa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,560 metru kwadru (3 tmien u 1 siegħ), li tinkludi razzett u li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-eredi ta' Carmela Polidano u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar bħala *plot* Nru. 9 fuq il-pjanta (Parti ta') L.D. 52_69 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-31 ta' Mejju, 2005

required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land in Birżebbugia:

1. A plot of land of the area of 3,560 square metres (3 tumoli and 1 siegħ), which includes a farmhouse and which is bounded on the North by a public road, on the East by property of the heirs of Carmela Polidano and on the South by Government property.

The abovementioned land is shown marked with the colour red as plot No. 9 on plan (Part of) L.D. 52_69 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

31st May, 2005

Nru. 596

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-8 ta' Ġunju, 2005
(File No. L244/64/II)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Frar, 1969 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 182, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi biċċa art fil-limiti ta' Birżebbuġa tal-kejl ta' 3,372 metru kwadru (3 tmien), li tinkludi razzett, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

No. 596

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

8th June, 2005

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the General Governor published in the Government Gazette of the 20th February, 1969 under Notice No. 182, the General Governor had declared that part of the plot of land in Birżebbugia of the area of 3,372 square metres (3 tumoli), including a farm, bounded on the North by a public road and on the East and on the South by a Government property, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-limiti ta' Birżebbuġa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,239 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Alexander Apap Bologna, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u bħala *plot* Nru. 11B fuq pjanta P.D. 328_2004 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-31 ta' Mejju, 2005

Nru. 597

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-8 ta' Ġunju, 2005
(File No. L244/64/II)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Frar, 1969 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 182, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f' Birżebbuġa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,934 metru kwadru (3 tmien u 3 sigħan), li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Agius, u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

Description of the Land

The following land in the limits of Birżebbugia

1. A plot of land of the area of about 3,239 square metres, bounded on the North East by a property of Mr Alexander Apap Bologna, on the South and on the West by a Government property.

The abovementioned land is shown marked in colour red as plot No. 11B on plan P.D. 328_2004 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

31st May, 2005

No. 597

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

8th June, 2005

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the Governor General published in the Government Gazette of the 20th February, 1969 under Notice No. 182, the Governor General had declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land in Birżebbugia:

1. A plot of land of the area of 3,934 square metres (3 tumoli and 3 sigħan), bounded on the North by a public road, on the East by property of Mr Salvatore Agius, on the West and the South by Government property.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur isfar bħala *plot* Nru. 10 fuq il-pjanta (Parti ta') L.D. 52_69 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-31 ta' Mejju, 2005

Nru. 598

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-8 ta' Ġunju, 2005
(File No. L178/2001)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art minn Santa Venera sa San Ġwann:–

L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir:

a. Tħaffir ta' mina twila 1085 metri, inkluż ventijiet u *shafts;*

b. Tħaffir ta' mina twila 1075 metri, inkluż ventijiet u *shafts;*

ċ. Tħaffir ta' mina twila 115 metri, inkluż ventijiet u *shafts;*

The abovementioned land is shown marked with the colour yellow as plot No. 10 on plan (Part of) L.D. 52_69 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

31st May, 2005

No. 598

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

8th June, 2005

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land from Santa Venera to San Ġwann:–

The following subsoil rights consists in the:

a. Digging of a long tunnel 1085 metres long, including vents and shafts;

b. Digging of a long tunnel 1075 metres long, including vents and shafts;

c. Digging of a long tunnel 115 metres long, including vents and shafts;

d. Tħaffir ta' trinka twila 82 metri;

kif deskritti fuq il-pjanti tal-Korporazzjoni Enemalta:
EMC/NS/32 – Ġunju 2001
EMC/NS/34

LS 182003
LS 192003

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq pjanta markata P.D.310_2003, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

Il-31 ta' Mejju, 2005

d. Digging of a trench 82 metres long;

as described on plans of Enemalta Corporation:
EMC/NS/32 – June 2001
EMC/NS/34

LS 182003
LS 192003

The above mentioned land is shown on plan marked P.D.310_2003, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

31st May, 2005

Nru. 599

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippublikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar it-Tnejn, is-6 ta' Ġunju, 2005, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

It-8 ta' Ġunju, 2005

No. 599

IMMIGRATION ACT
(CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Monday, 6th June, 2005, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

8th June, 2005

Nru. 600

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Buskett

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar it-Tlieta t-28 u l-Erbgħa d-29 ta' Ġunju, 2005 il-Ġonna tal-Buskett se jkunu taħt il-kontroll tas-Soċjetà Agrarja.

It-8 ta' Ġunju, 2005

No. 600

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE
(CAP. 34)

Buskett Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Tuesday 28th and Wednesday 29th June, 2005 Buskett Gardens will be under the control of the Agrarian Society.

8th June, 2005

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2004 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Acts of Parliament passed during 2004 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2005	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2004	Lm 2.00c
Electoral Register, April 2005	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, April 2005	Lm31.18c
Estimates 2005	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2004 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2003	Lm 2.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2004	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2003	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper – Lejn Ġustizzja Aħjar u Eħfef	no charge
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable (in print form)	Lm 4.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable on compact disc (CD)	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2004	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*